# Il-Vari Proċessjonali ta' Mariano Girada u l-Vara ta' Santa Liena

## Studju Komparattiv

Victor Caruana B.A (Hons), MA Storja tal-Arti.

L-istorja tal-arti tpoġġielna quddiemna bosta eżempji ta' artisti rinomati li bdew il-karriera artistika tagħhom wara li jkunu trawwmu ġo ħanut tax-xogħol jew bottega ta' xi artist prominenti ieħor. Fost dawn, wieħed jista' jsemmi lil Leonardo da Vinci li tħarreġ taħt il-pittur u skultur Andrea del Verrocchio, Raffaello li kellu apprendistat taħt Pietro Perugino, Mikelanġelo li studja taħt Domenico Ghirlandaio, Caravaggio li ħa t-tagħlim artistiku bażiku tiegħu mingħand Simone Peterzano u Tiziano li tħarreġ taħt il-pittur Giovanni Bellini. L-eżistenza ta' dawn il-ħwienet tax-xogħol serviet sabiex mhux biss ikunu l-post fejn l-imgħallem u s-sid tal-bottega jaħdem il-kummissjonijiet li jkollu bl-għajnuna tal-istudenti u l-apprendisti tiegħu, iżda servew ukoll ta' skola fejn iż-żgħażagħ li jattendu fihom jitgħallmu r-regoli, t-teknika, l-istil u d-dixxiplina fl-arti partikolari li tkun għal qalbhom. Dan allura wassal sabiex permezz tagħhom joħorġu artisti ppreparati teknikament u li mbagħad bdew karriera artistika għal rashom fejn apparti li saħansitra saru artisti aqwa mill-imgħallmin li għallmuhom, uħud minnhom komplew jiżviluppaw jew saħansitra joħolqu stil u/jew teknika ġdida li permezz tagħha kitbu l-paġna personali tagħhom fl-istorja tal-arti.

F'Malta wkoll insibu l-eżistenza ta' xi ħwienet tax-xogħol li kienu jservu wkoll ta' bottega, b'mod partikolari mad-dawra tal-Port il-Kbir wara l-wasla tal-Kavallieri ta' San Ġwann, ir-rebħa tal-Maltin fl-Assedju l-Kbir tal-1565 u l-bini tal-Belt Valletta ftit wara. L-attività li n-negozju u x-xogħol marittimu ġabu fl-inħawi tal-Kottonera wassal sabiex din il-parti tal-pajjiż tkun ideali sabiex bosta bottegi ta' snajja' differenti jistabbilixxu lilhom infushom hemmhekk. Fil-bidu tas-Seklu Dsatax, l-iskultur Malti Mariano Girada (1771-1823) għamel bħal bosta oħra u fetaħ bottega fil-belt ta' Bormla – bottega li kienet tispeċjalizza fit-tinqix u skultura fl-injam. Girada kien għadu kemm irritorna Malta minn Spanja u kien magħruf mhux biss għall-iskultura li kien jaħdem frott it-taħriġ li ħa f'Valenzja imma wkoll għas-sehem tiegħu bħala l-mexxej tal-battaljun ta' Ħal Tarxien fl-imblokk tal-Maltin kontra l-Franċiżi. Wieħed jista' faċilment jifhem kif il-ftuħ ta' ħanut tax-xogħol minn Mariano Girada kien ser jiġbed lejh numru ta' individwi li kienu interessati jistudjaw l-arti tal-iskultura. Tlieta minn dawn – Pietro Paolo Azzopardi (1791-1875), Alessandro Farrugia (1791-1871) u Salvatore Psaila (1789-1871) – apparti f'xogħol ieħor relatat mat-tinqix fl-injam, speċjalizzaw ukoll b'mod partikolari fil-ħidma tal-vari proċessjonali u eventwalment ħallew marka kbira u importanti fl-istorja ta' dawn it-tip ta' rappreżentazzjonijiet f'Malta permezz tal-bosta vari li ħadmu u l-livell artistiku għoli li kellhom.

Il-preżenza ta' dawn l-iskulturi fil-ħanut ta' Girada kien ifisser li ma kienux ser ikunu esposti biss għat-tagħlim tat-teknika tat-tinqix iżda wkoll għall-gosti, għall-mentalità artistika u għall-istil tal-imgħallem. Fi ftit kliem, Girada kien bilfors ser iħalli xi tip ta' influwenza artistika fuq l-aljievi tiegħu. Fil-fatt, ix-xogħlijiet li Azzopardi, Farrugia u Psaila ħallewlna huma konferma ta' dan għax id-dell ta' Girada jidher xi ftit jew wisq fix-xbihat figurattivi li pproduċew dawn it-tliet skulturi. L-aktar wieħed li baqa' fidil lejn l-istil tal-imgħallem tiegħu kien Pietro Paolo Azzopardi, fejn it-tipoloġiji u l-fattizzi tal-uċuħ kif ukoll it-tip ta' tinqix li kien jaħdem huma simili ħafna għal dawk li pproduċa Girada fix-xogħlijiet tiegħu. Farrugia, min-naħa l-oħra, ħadem numru ta' vari li huma kważi kopji ta' oħrajn inkluż li ħadem Girada nnifsu. Dawn jinkludu *Santa Marija* fl-Imqabba (kopja tal-vara titulari ta' Ħal Għaxaq), il-*Madonna tar-Rużarju* f'Ħal Għaxaq u l-Imqabba (il-Madonna hija kopja tal-figura li ħadem Girada fl-istatwa proċessjonali tal-istess titlu fil-Parroċċa tas-Siġġiewi) u *San Pawl* f'Ħal Safi li huwa ispirat minn dik tal-Belt Valletta xogħol Melchiorre Cafà. Mill-vari tal-*Annunzjata* f'Ħal Tarxien u *Kristu mal-Kolonna* fiż-Żejtun, madankollu, li huma essenzjalment xbihat oriġinali ta' Alessandro Farrugia, nistgħu naraw li dan l-iskultur kellu teknika u tipoloġija li kienet toriġina mill-influwenza ta' Girada li iżda kienet miżjuda b'doża tan-Neo-Klassiċiżmu li kien popolari matul is-Seklu Dsatax. Teknikament, huwa kien ukoll pjuttost inferjuri għal Azzopardi u dan il-fattur iwassal sabiex ipoġġi lil dan tal-aħħar bħala l-aktar skultur minn fosthom li kien artistikament viċin ix-xogħol ta' Mariano Girada.

Salvatore Psaila, min-naħa l-oħra, jidher li kien l-aktar skultur fost l-aljievi li kienu jattendu l-bottega f'Bormla li pprova jkun oriġinali u awtentiku f'ħidmietu. Dan jista' jingħad kemm għat-teknika, l-istil u anke t-tipoloġiji fil-figuri li huwa naqqax fl-injam. Għaldaqstant, mhuwiex daqshekk faċli sabiex wieħed jara xi karatteristiċi ta' Mariano Girada fl-iskultura ta' Psaila, kif forsi jista' jagħmel mix-xogħlijiet tal-iskulturi l-oħra msemmija. Minkejja dan, ċertu ħjiel indirett fil-vari li ħadem Salvatore Psaila jagħtuna x'nifhmu li l-influwenza tal-imgħallem xi ftit jew wisq tibqa' tiġri fil-muża artistika tal-aljiev. Bla dubju, l-aktar xogħol imsemmi u rinomat ta' Psaila hija l-vara titulari ta' *Santa Liena* Imperatriċi Awgusta, padruna ta' Birkirkara, li huwa naqqax fl-1837. Il-kwalitajiet artistiċi ta' din ix-xbiha huma rikonoxxuti u mfaħħra minn kull min huwa intiż fl-arti. Għalhekk, il-vara ta' *Santa Liena* ser tittieħed bħala l-eżempju f'dan l-istudju komparattiv li fih ser naraw x'inhuma dawk il-karatteristiċi fir-rappreżentazzjoni Elenjana li huma identiċi jew differenti minn dawk maħduma minn Girada aktar kmieni fl-ewwel nofs tas-Seklu Dsatax. Ix-xogħlijiet ta' Mariano Girada li ser jiġu diskussi fl-isfond tal-vara ta' *Santa Liena* huma l-*Madonna tal-Grazzja* ta' Ħaż-Żabbar (1797), *Santa Marija* ta' Ħal Għaxaq (1808) u *Santa Katarina* taż-Żurrieq (1818).

**Il-Kompożizzjoni tal-Vara: Il-Qagħda, il-Ħarsa u l-Ġesti Tagħha.**
Fl-arti, it-terminu 'kompożizzjoni' tirreferi għall-mod kif l-artist jirrappreżenta l-figura jew ix-xena li jkun ġie kkummissjonat. Dan irid jagħmlu b'tali mod li jżomm bilanċ f'xogħlu u billi permezz ta' bosta elementi li jista' juża, bħall-panneġġi tal-ilbies, ħars tal-uċuħ u anke xi ġesti, huwa jmexxi għajnejn l-ispettatur lejn l-aktar partijiet importanti u sinifikattivi tal-ħolqien artistiku tiegħu. Il-kompożizzjoni tal-vara ta' *Santa Liena* turi lill-Imperatriċi qaddisa wieqfa fuq roqgħa blat ċatt. Hija qegħda sserraħ fuq sieqha l-leminija filwaqt li l-oħra qegħda mpoġġija ftit lura sabiex toħloq pożizzjoni ta' *contrapposto* hekk kif imbagħad, hija għandha idha l-leminija mgħollija 'l fuq sabiex iżżomm is-Salib imqaddes u l-oħra tinsab impoġġija aktar 'l isfel b'ġest ta' umiltà quddiem is-simbolu nisrani li l-istorja tgħidilna li

din il-qaddisa sabet. Il-ħarsa riflessiva u kiebja tagħha hija wkoll indirizzata lejh filwaqt li hija liebsa libsa ħadranija li l-maġġor parti tagħha hija ndurata b'mottivi floreali. Fuq din il-libsa, Psaila dawwar mant ta' lewn ħamrani bil-qelba tiegħu magħmulha minn pelliċċa tal-ermellin, liema mant jidher marbut minn taħt għonqha permezz ta' *brooch* u li jgħatti spallitha filwaqt li jdur ma' sieqha x-xellugija sakemm iżomm maċ-ċintorin li għandha mdawwar ma' taħt sidirha. Fuq in-naħa leminija, dan il-mant jintelaq 'l isfel sabiex jagħti aktar volum lill-vara fejn il-bjuda tal-qelba tiegħu toħloq kuntrast mal-figura. Mal-ewwel daqqa t'għajn lejha, *Santa Liena* tispikka għad-dehra imponenti tagħha li tirrifletti personaġġ setgħan iżda umli u ħanin. Il-qagħda tagħha tistieden lil għajnejn l-ispettatur sabiex tersaq lejn il-lemin tal-figura. Apparti l-ħarsa penetranti tagħha, dan tagħmlu grazzi għall-pożizzjoni tad-dirgħajn fejn dak xellugi u baxx joħloq linja djagonali ma' dak lemini u mgħolli u li jwassal sas-salib. Jikkumplimenta din il-linja hemm imbagħad il-pożizzjoni tal-panneġġi tal-mant u tal-libsa li filwaqt li jitilgħu ma' sieq l-Imperatriċi u jinġemgħu ma' qaddha, joħolqu numru ta' linji djagonali u weqfin li eventwalment iwasslu sabiex il-ħarsa tal-individwu tistrieħ u tieqaf fuq is-salib li tant għandu rwol importanti fil-kompożizzjoni. Dan mhux għax huwa biss simbolu ikonografiku tal-qaddisa iżda huwa wkoll element li fil-pożizzjoni daqsxejn djagonali tiegħu, jeżalta aktar l-aspett kompożizzjonali tal-figura f'din il-vara.



***Ix-xebħ fil-linji djagonali tal-qagħda tal-figuri.***

Nistgħu ngħidu li din il-kompożizzjoni hija essenzjalment it-twaħħid ta' kif Girada ħadem il-vari msemmija aktar 'l fuq, jiġifieri, *Il-Madonna tal-Grazzja* ta' Ħaż-Żabbar, il-vara titulari ta' *Santa Marija* fir-raħal ta' Ħal Għaxaq u *Santa Katarina* fiż-Żurrieq. Fil-qagħda inklinata tagħha lejn il-lemin u l-mod kif qed isserraħ fuq saqajha, *Santa Liena* hija simili għal dawn it-tliet rappreżentazzjonijiet. F'dawn ix-xbihat, il-figura femminili mill-qadd 'l isfel, toħloq linja djagonali lejn il-lemin tagħha fejn imbagħad tinħoloq linja oħra fid-direzzjoni opposta mill-qadd il fuq. Ix-xeħta ta' ras il-figuri ta' Girada u ta' Psaila, eventwalment, jerġgħu joħolqu linja oħra lejn il-lemin. B'ħarsa ġenerali, dan kollu jwassal sabiex il-figura kompluta jkollha dehra serpentinali – dehra li fiha jiġi eżaltat l-aspett eleganti, raffinat u femminili tal-personaġġi murija.

Minkejja din is-similarità, l-impatt ġenerali ta' din il-kompożizzjoni fil-vara ta' *Santa Liena* huwa differenti minn dawk tal-vari msemmija. Fix-xbiha Karkariża, il-qaddisa għandha qagħda aktar robusta u vertikali peress li l-poża mhijiex enfasizzata daqs l-oħrajn u l-linji djagonali magħmula mill-poża tagħha ma jidhrux daqshekk angolati daqs dawk maħduma minn Girada. Ir-raġuni għal dan huwa l-mod kif hija mlibbsa x-xbiha tal-Imperatriċi, kif ser naraw aktar 'l quddiem. Id-dgħjufija tal-impatt tal-angolaturi fuq id-dehra tal-vara jgħodd ukoll fil-każ tal-kisra ta' ras *Santa Liena,* fejn din il-kisra minima hija mrattba wkoll permezz tal-velu bajdani li jinżel minn fuq rasha għal fuq spallitha. Mariano Girada ma jagħmilx użu simili minn velu fix-xbihat tiegħu. Fil-fatt, kemm f'*Santa Marija* u anke fil-*Madonna tal-Grazzja*, il-velu li nkluda fuq ras il-figuri tiegħu jinżlu min-naħa waħda biss ta' ras il-Madonna, min-naħa leminija, peress li min-naħa opposta dan jidher milwi għal wara rasha u qajla jidher meta wieħed ikun qed iħares lejn dawn il-vari minn quddiem. Dan kollu sar sabiex l-għonq jiġi enfasizzat u miegħu tidher aktar ukoll il-kisra ta' ras il-figura. Fil-vara titulari ta' *Santa Katarina* fiż-Żurrieq, imbagħad, huwa ma nkluda l-ebda velu u għalhekk l-effett tal-għonq twil u mikxuf tal-figura ikompli jagħmilha aktar serpentinali. Dan allura jwassal sabiex il-figuri femminili ta' Girada jidhru aktar żnelli u eleganti. Minn dan kollu, l-immaġni tal-Imperatriċi takkwista id-dehra dinjituża u nobbli tagħha.



***L-impatt tal-velu jew in-nuqqas tiegħu fid-dehra ġenerali tal-vari ta' Girada u Psaila.***

Il-qagħda tal-figura hekk kif maħsuba mill-artist trid tkun ikkumplimentata mill-ġesti tal-idejn sabiex il-kompożizzjoni mixtieqa tkun kif suppost. Element artistiku importanti li kull artist tal-affari tiegħu jkun irid isegwi huwa dak tal-bilanċ, fejn meta niġu għall-poża tal-figura umana, din tkun magħmula b'mod fejn ġest ta' id irid ikun jaqbel mas-sieq opposta sabiex ix-xbiha tpaxxi aktar l-għajn. Għall-artist, allura, l-idejn huma parti importanti ferm għall-fini tal-kompożizzjoni u d-dehra estetika ġenerali tal-vara aktar u aktar meta din tkun magħmula minn figura waħda u kull ġest, minimu kemm hu minimu, ikun irid jikkontribwixxi għad-dehra kompluta tax-xbiha. Dawn il-ġesti jkunu jridu jirriflettu l-aspett spiritwali jew rappreżentattiv tax-xbiha u xi kultant huwa jkun marbut mill-mod kif ikun irid joħloq il-kompożizzjoni jekk il-personaġġ li jkun qed jaħdem fuqu jkun bilfors irid ikollu f'idu xi simbolu jew attribut li jkun magħruf għalih bħal ngħidu aħna xi palma tal-martri, gradilja, il-figura ta' Ġesù Bambin jew inkella xi ġilju, biex nagħtu xi eżempji.



*Ix-xebh fil-ġesti tad-dirgħajn fil-vari ta' Santa Liena u Santa Marija ta' Ħal Għaxaq.*

F'*Santa Liena*, Psaila kellu proprju din is-sitwazzjoni quddiemu. Huwa ma setgħax inaqqax xbiha ta' din il-qaddisa mingħajr ma jinkludi s-salib. Mariano Girada, min-naħa l-oħra, ma naqqax l-ebda vara f'kuntest simili iżda Psaila xorta addatta ċertu karatteristiċi minn tal-imgħallem tiegħu. Hawnhekk, nistgħu għal darb'oħra ninkludu b'mod partikolari l-vara titulari ta' *Santa Marija* f'Ħal Għaxaq. Dan minħabba li f'din ix-xbiha, il-pożi tal-idejn huma identiċi għal dawk fil-vara titulari ta' Birkirkara, jiġifieri, l-id il-leminija hija mgħollija 'l fuq filwaqt li dik ix-xellugija qegħda mniżżla 'l isfel sabiex jindika n-narrattiva tas-suġġett, jiġifieri, it-tlugħ tal-Madonna fis-sema. Fl-użu ta' dan il-ġest, Salvatore Psaila poġġa s-salib fl-id l-imgħollija sabiex joħloq aktar sens ta' kobor u trijonfaliżmu fir-relazzjoni bejn il-qaddisa u s-salib. Sabiex jinħoloq bilanċ kompożizzjonali, l-id ix-xellugija mbagħad hija mniżżla 'l isfel, bis-swaba miftuħa. Dan jista' jitqies bħala ġest ta' umiltà u impotenza quddiem il-kobor ta' dak is-simbolu li għandha f'idha u l-importanza kbira tiegħu.

Fir-rappreżentazzjonijiet ta' *Santa Marija, Santa Katarina* u *Santa Liena*, naraw fattur komuni marbut mal-qagħda, il-ħars u t-tqegħid ta' dirgħajn il-figuri. Dan huwa li t-tliet kompożizzjonijiet jinkludu referenza lejn xi ħaġa oħra li mhijiex il-figura prinċipali. F'*Santa Marija* u *Santa Katarina*, iż-żewġ personaġġi qed iħarsu 'l fuq, lejn in-naħa leminija tagħhom. Wieħed jista' jinduna faċilment li dan qed jagħmluh għax qed iħarsu lejn is-sema, lejn il-ġenna fejn fiha hemm Alla qed jistennihom. Għaldaqstant, Alla huwa inkluż indirettament fil-kompożizzjoni. F'*Santa Liena*, dan l-irwol 'sekondarju' huwa meħud mis-salib. Naraw allura kif Psaila seta' jagħmel użu mill-kompożizzjonijiet fil-vari ta' Girada sabiex imbagħad ipoġġi s-salib bħala s-sors tal-attenzjoni fil-ħarsa tal-qaddisa minflok il-preżenza indiretta t'Alla li inkluda Girada.

**Ilbies u Panneġġi**

Aktar il fuq semmejna kif il-mod ta' kif il-velu bajdani huwa mpoġġi madwar ras *Santa Liena* għandu effett fuq id-dehra estetika ġenerali tax-xbiha. Dan jgħodd ukoll għall-kumplament tal-ilbies li jżejjen il-figura tal-Imperatriċi. Qabel xejn, naraw kif il-vara titulari Karkariża hija mlibbsa b'libsa li twassal sal-art u mant imdawwar magħha b'mod dekorattiv. Dan it-tip ta' lbies huwa komuni għal bosta xbihat sagri li saru matul is-snin, kemm f'Malta u anke lil hinn minn xtutna. Madanakollu, nistgħu naraw xi karatteristiċi li d-derivazzjoni tagħhom mill-ħolqien artistiku ta' Mariano Girada huwa pjuttost ċar. L-ewwel li nistgħu nsemmu huwa l-mod ta' kif il-mant tal-Imperatriċi jitla ma' sieqha x-xellugija u jinġema' fuq in-naħa leminija ta' qaddha, fejn Girada uża l-istess tqassim fil-vari

tal-*Madonna tal-Grazzja* u *Santa Katarina*. Psaila, iżda, kien uniku fil-mod ta' kif jgħaqqad il-mant taħt għonq il-figura u mhux ikomplu jdawwru, mitluq, għan-naħa ta' wara tal-vara sakemm jinżel fuq spallitha l-leminija. Il-metodu ta' Psaila jagħti lir-rappreżentazzjoni dehra aktar pulita, ordinata u kolta. It-telqa ta' dan il-mant minn fuq spallitha x-xellugija 'l isfel, imbagħad, iwassal sabiex fl-isfond tal-bjuda tal-pelliċċa tal-ermellin, il-qagħda tal-figura tiġi enfasizzata aktar. Dan hu simili għal dak li għamel Girada f'*Santa Katarina* taż-Żurrieq. F'din ix-xbiha, il-mant, li huwa simili għal dak ta' *Santa Liena* fil-qelba tiegħu magħmula minn pelliċċa, ukoll jinżel mitluq minn fuq id il-qaddisa u joħloq kuntrast mal-poża tal-qaddisa.



***It-tqegħid tal-mant u l-panneġġi tiegħu fil-Madonna tal-Grazzja, Santa Katarina u Santa Liena.***

Il-panneġġi djagonali u vertikali li jiddominaw il-modellatura tal-mant ħamrani huma mbagħad referenza diretta għal xi vari ta' Girada. Jekk inħarsu lejn il-panneġġ tqil u djagonali li jispikka fil-parti ta' fuq tal-mant hekk kif dan idur man-naħa xellugija ta' qaddha, naraw kif l-aċċenn fuq il-ħxuna tad-drapp fuq din in-naħa tal-istatwa huwa simili għal dak fil-*Madonna tal-Grazzja* fejn f'din tal-aħħar huwa saħansitra aktar goff u voluminuż minn dak li naraw f'*Santa Liena*. Dan iwassal sabiex, fiż-żewġ vari, jinħolqu wkoll aktar linji djagonali iżda irqaq li jenfasizzaw il-qagħda tas-sieq ix-xellugija u l-kisra tal-irkoppa. Huma jikkumplimentaw ukoll il-poża u t-telqa tal-figura lejn il-lemin u b'hekk jagħmluha aktar faċli sabiex l-ispettatur idawwar ħarstu lejn dik in-naħa tal-figura. Hekk kif imbagħad il-mant jilħaq il-parti leminija tal-figura, il-panneġġi jiġu aktar weqfin sakemm fit-tarf nett tal-mant nassistu għal panneġġ kbir u mdawwar li jagħti indikazzjoni tad-drapp tqil li minnu hu magħmul dan il-mant. F'*Santa Liena* dan l-aspett jidher biss minn qelba waħda kbira mentri fil-*Madonna tal-Grazzja*, Girada jikkumplimenta panneġġ simili permezz ta' qelba kbira oħra fil-mant li qed iserraħ mad-driegħ lemini tal-Madonna. Dan jagħti volum lill-vara u jikkumpensa għan-nuqqas ta'

bilanċ li seta' jkun hemm peress li minħabba bżonnijiet ikonografiċi, l-iskultur ma setgħax jagħmel lill-Madonna b'dirgħajha miftuħin bħal fil-każ ta' *Santa Marija* f'Ħal Għaxaq. F'*Santa Katarina,* Mariano Girada ma jużax mant biex joħloq din il-karatteristika fil-vara tiegħu iżda juża libsa oħra ta' lewn kannella ċar fuq il-libsa l-proprja tal-qaddisa Lixandrina. Din il-libsa kannella ċara hija maħduma b'panneġġi simili għal dawk deskritti, bl-istess effett tagħhom, iżda mingħajr il-guffaġni tal-eżempju preċedenti.

F'*Santa Liena* u l-*Madonna tal-Grazzja* naraw kif anke l-panneġġi tal-libsa tal-figuri rispettivi huma kważi identiċi. Dan wieħed jista' jifhmu peress li l-qagħda hija simili wkoll u allura t-tikmix li jirriżulta ser ikun l-istess dment li hawnhekk qed nitkellmu fuq żewġ artisti li kienu jħaddnu aspett naturalista u reali fl-arti tagħhom u li allura kienu jippreferu jsawru l-arti tagħhom b'ċertu studju akkademiku. Dawn is-similaritajiet jidhru b'mod speċjali fil-panneġġi li joħorġu mill-qarsa taċ-ċintorin mal-qadd u mit-telqa tal-libsa fil-parti t'isfel tax-xbiha.

Fattur importanti fl-apparenza tal-ilbies u l-impatt tiegħu fuq il-kompożizzjoni tal-vara huwa dak tal-kmiem. Il-kmiem tal-libsa li Salvatore Psaila xidd fuq l-Imperatriċi Awgusta huma pjuttost wiesa iżda jidhru mxammrin u jaslu sa minkbejha filwaqt li minn taħthom joħorġu kmiem oħrajn li huma ftit aktar dojoq ma' jdejn il-figura. Din il-karatteristika nsibuha wkoll fil-vari ta' Girada li qed jiġu wżati f'dan l-istudju komparattiv. *F'Santa Katarina* taż-Żurrieq, huwa saħansitra naqqax kmiem li diġà minnhom infushom huma dojoq u li wkoll jaslu sa minkbejn il-qaddisa iżda mbagħad ħalla l-bqija ta' dirgħajha mikxufin sabiex tidher aktar eleganti u delikata fil-poża tagħha. Bla dubju li Psaila segwa l-istess kunċett. Il-wisa' u t-toqol tal-kmiem f'Santa Liena jaslu sal-aktar parti voluminuża tax-xbiha u mbagħad, hekk kif id-dirgħajn ikunu ser joħorġu 'l barra mill-figura nnifisha, huwa jħalli l-kmiem id-dojoq jidhru ħalli jżomm bilanċ kemm fil-volum tal-iskultura u anke dak estetiku u viżwali.



***Il-kmiem imxammrin fil-vari ta' Girada u Santa Liena ta' Psaila.***

**L-Impatt Viżiv, il-Wiċċ u t-Teknika tal-Iskultura.**

Is-similaritajiet bejn l-imgħallem Mariano Girada u l-aljiev tiegħu Salvatore Psaila nistgħu ngħidu li jieqfu sal-kompożizzjoni u l-għażla tal-ilbies u l-panneġġi tagħhom. Meta niġu għall-impatt viżiv, il-wiċċ u t-teknika tal-iskultura nsibu aktar differenzi milli xebħ. Mal-ewwel daqqa t'għajn lejn il-vara ta' *Santa Liena,* wieħed jinnota li l-vara għandha ċertu pompożità

u minkejja li l-figura għandha d-doża tagħha ta' eleganza din ma tiehux il-priorità li tieħu fir-rappreżentazzjonijiet li ħoloq Girada. Il-volum li fiha x-xbiha tal-Imperatriċi, fejn l-ilbies jieħu l-ispazju li ħaqqu bla ebda limitazzjonijiet imposti mill-injam li minnu hi magħmula, jipproġettaw vara ta' ċertu kobor u maestożità. Min-naħa tiegħu, Girada kien jagħfas fuq l-element tat-tul tal-figura, fejn proporzjonalment huwa kien jara li b'kull mezz possibbli, il-figuri li joħloq ikunu tawwalin sabiex jidhru eleganti, delikati u femminili. Allura huwa kien jevita li joħloq volumi bla bżonn fil-kompożizzjoni ħalli, bil-kontra ta' dak li naraw f'*Santa Liena*, il-figuri ma jidhrux tqal imma ħfief.

Il-kuntest li toħloq figuri li jenfasizzaw ċertu aspetti estetiċi li jagħmluhom isbaħ jagħmel parti minn kunċett artistiku li jissejjaħ 'idealiżmu'. Hawnhekk, l-artist ikun irid li joħloq element ta' sbuħija totali li fir-realtà ma teżistix. Huwa jobdi ċertu prinċipji aċċettati fil-qasam tal-arti bħal per eżempju proporzjonijiet tat-tul tal-figura, proporzjonijiet fit-tqassim tal-wiċċ u karatteristiċi oħra partikolari li jgħinu sabiex il-figura maħluqa tieħu d-dehra ta' xi ħaġa aktar il fuq minn dak uman.

Dan kien element tipiku tal-istil Neo-Klassiku li daħal f'Malta matul il-bidu tas-Seklu Dsatax, jiġifieri, il-perjodu li nħadmu fih dawn il-vari. Fil-vari proċessjonali li jirrappreżentaw divinità Nisranija, dan kien ifisser li s-sbuħija umana kienet riflessjoni tal-perfezzjoni spiritwali mħaddna mill-qaddisa jew mill-Madonna. Dan kollu narawh fil-vari ta' Mariano Girada: *Il-Madonna tal-Grazzja* f'Ħaż-Żabbar, *Santa Marija* f'Ħal Għaxaq u *Santa Katarina* taż-Żurrieq fost oħrajn. Apparti figuri tawwalin, dawn ix-xbihat joffru tipoloġija ta' uċuħ bi sbuħija ideali: wiċċ ovali, geddum żgħir u tond, ħalq żgħir, imnieħer pulit, għonq tawwali u x-xagħar immudellat b'mod sistematiku.

Is-sbuħija ta' *Santa Liena* toriġina minn dawn il-karatteristiċi iżda Psaila kien kapaċi jimmanipulahom sabiex joħroġ sbuħija kbira imma reali, mhux idealizzata. Għalhekk naraw li *Santa Liena* għandha wiċċha aktar tawwali, l-għonq li ma jidhirx daqshekk tawwali għax għandu noklu u velu fuq kull naħa ta' wiċċha, fl-imnieħer wieħed jista' jilmaħ ftit l-għadma u xagħar li l-ħidma tiegħu hija aktar naturali u varjata. Il-wiċċ, aktar milli qima u devozzjoni kif wieħed jista' jilmaħ fil-figuri ta' Girada msemmija aktar qabel, jirrifletti ċertu meditazzjoni u ħsieb imqanqal u kiebi min-naħa tal-qaddisa. Dan wassal sabiex il-fattizzi tal-Imperatriċi jfakkru mara sabiħa u reali li mhijiex xi ħaġa impossibbli li tara bħala fil-ħajja ta' kuljum. Psaila għalhekk itina qaddisa sabiħa iżda fuq kollox umana. B'hekk, permezz ta' xogħlu, huwa jipproponi idea li l-qdusija mhijiex xi ħaġa impossibbli li tintlaħaq kif inhi s-sbuħija ideali hekk kif tidher fl-uċuħ ta' Girada imma hija stat li fl-umanità tiegħu l-bniedem jista' jilħaq ukoll. Artistikament, il-vari ta' Psaila offew xi ħaġa differenti minn dawk tal-artisti l-oħra għax filwaqt li ħaddieħor segwa dejjem l-istess regoli u ħoloq uċuħ li huma kważi simili ħafna, Psaila sawwar vari fejn il-figuri għandhom wiċċ partikolari u uniku.

Ħafna mill-fatturi u karatteristiċi li semmejna huma relatati u marbuta mal-abilitajiet tekniċi tal-iskultur. Din il-bravura teknika tittieħed mingħand l-imgħallem fil-bottega tiegħu u fil-każ tagħna, ftit jista' jkun hemm dubju fuq il-fatt li Psaila ħa t-tagħlim kollu tiegħu fit-teknika tal-iskultura direttament mingħand Mariano Girada. Ironikament però, *Santa Liena* ma toffri l-ebda xhieda jew prova ta' dan peress li t-timbru tal-istil tekniku ta' Girada ma jidher

imkien. Kif għidna aktar il fuq, dan tal-aħħar kien jippreferi jsawwar figuri pjuttost tawwalin fejn il-vertikalità tagħhom tispikka mill-fatt li ma kienx joħloq volum fil-ħwejjeġ u li bih il-vara tidher aktar massiċċa u wiesa. Girada kien jorbot is-seratizzi prinċipali flimkien u mbagħad iżid injam ieħor fejn ikun hemm bżonn bla ma joħroġ wisq il barra mill-istess spazju li kienu jagħtu s-seratizzi. Allura naraw tikmix pjuttost ċatt u li jobdi l-qagħda tal-figuri qisu kważi kważi mwaħħal magħhom. Salvatore Psaila, iżda, kien juża s-seratizzi bħala bażi li minnhom kien ikompli jwaħħal l-injam sabiex ikun jista' jnaqqax aktar fil-fond u b'aktar dettall. Psaila kien iwarrab l-effett vertikali u eleganti tal-figura a favur tan-naturalezza tal-ilbies u d-drapp u kif dan għandu jidher fil-poża li huwa jagħti lill-figura. Għaldaqstant naraw panneġġi u tikmix aktar għat-tond, tridimensjonali u voluminużi. Naraw spazji u tinqix fond fil-kmiem u bejn partijiet differenti tal-libsa u li għalhekk joħloq aktar dellijiet u kuntrasti fix-xbiha. Naraw ukoll poża aktar miftuħa u xxamplata li tagħti d-dehra tant sabiħa lill-vara.

**Konklużjoni**

Il-preżenza ta' Salvatore Psaila fil-bottega ta' Mariano Girada f'Bormla kienet importanti ferm fl-iżvilupp artistiku ta' dan l-iskultur peress li minn għandu tgħallem ir-regoli kollha fid-dixxiplina ta' din l-arti apparti wkoll gosti stilistiċi u abbiltajiet tekniċi. Madanakollu, Psaila ma riedx ikun kopja tal-imgħallem tiegħu imma pprova u rnexxielu jsib karatteristiċi li jiddistingwuh minn oħrajn. Fil-vara titulari ta' *Santa Liena* naraw li kemm ix-xebh u anke d-differenzi bejn l-aljiev u l-imgħallem jidhru biċ-ċar, fejn il-kompożizzjoni tal-Imperatriċi u l-mod ta' kif inhi mlibbsa huma derivattivi mix-xogħlijiet ta' Girada. It-telqa tagħha fuq il-lemin, il-ġest tad-dirgħajn lemini li jinsab aktar fl-għoli u x-xellugi li huwa mniżżel 'l isfel u l-mod kif id-drapp tal-mant idur mal-figura, flimkien mal-kmiem imxammrin sal-minkeb huma kollha elementi li nsibuhom f'xi vari titulari oħrajn ta' Mariano Girada. Min-naħa l-oħra, il-wiċċ, il-volum u l-ispazju li tieħu l-figura kif ukoll il-livell tal-iskultura fl-injam huma partikolari għal Psaila u huma fost l-aktar eżempji tipiċi li jixhdu l-bravura tiegħu u li jagħmluh fost l-aqwa skulturi li taw kontribut u rilevanza artistika lill-istorja tal-arti figurattiva sagra fil-gżejjer Maltin.

## FJURI LI MA JINXFUX

**Din is-sena wkoll qed isir dan l-appell biex fil-festa tal-Patruna tagħna Sant'Elena, aħna wkoll nieħdu l-eżempju tagħha u NIFTĦU IDEJNA MAL-FQIR.**

**Dis-sena nixtiequ nigbdu l-attenzjoni għall-bżonnijiet li jeżistu fl-istess raħal tagħna, taħt għajnejna u forsi ma narawhomx tajjeb biżżejjed.**

**Għalhekk nixtiequkom tkunu ġenerużi lejn il-ħidma u s-servizz TAD-DJAKONIJA FIL-PARROĊĊA TAGĦNA. Nirringrazzjawkom għall-ġenerożità tagħkom.**